**Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi - Rapport bi-Annwali 2016/2017**

**Kisbiet ewlenin matul is-sena 2016 u 2017**

Matul dan il-perjodu, **fuq livell nazzjonali**, it-Taqsima ikkoordinat numru ta' riformi kbar fis-settur tal-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi u r-regolamentazzjoni tal-kaċċa, fosthom:

1. **Riforma ta' proċessi ta' liċenzjar** għal diversi kategoriji ta' liċenzji relatati mal-kaċċa. Is-sistema l-antika magħrufa bħala "*carnet de chasse*" ġiet abolita fl-2016 u sostitwita b'sistema ta' liċenzji ta' ħames snin ibbażata fuq teknoloġija moderna. Permezz ta' din is-sistema l-ġdida, Malta saret l-ewwel pajjiż fl-Ewropa li implimentat mekkaniżmu ta' rappurtar tal-qbid u teħid tal-għasafar f'ħin reali b'mod elettroniku.

2. **Riforma tal-proċeduri tal-eżami tal-kaċċa**: permezz tal-implimentazzjoni ta' sillabu ġdid, l-*istandards* għall-eżamijiet tal-liċenzja tal-kaċċa tjiebu, filwaqt li l-ħin medju ta' stennija tal-eżami tnaqqas minn sitt xhur għal inqas minn xahrejn. Matul dawn l-aħħar sentejn, it-Taqsima wettqet 24 sessjoni ta' eżamijiet u 664 test tal-liċenzja tal-kaċċa.

3. **Riformi legali** li rriżultaw fil-pubblikazzjoni ta' 17-il avviż legali li jvarjaw minn emendi għal leġiżlazzjoni dwar il-liċenzjar tal-kaċċa u qafas regolatorju tal-applikazzjoni ta' derogi, għal strumenti legali kompletament ġodda bħal liġi ġdida li tirregola il-falkunerija. Dawn ir-riformi irriżultaw fl-implimentazzjoni ta' proċessi regolatorji iktar effiċjenti u infurzar aħjar.

4. **Infurzar.** Matul dan il-perjodu, it-Taqsima ikkoordinat l-infurzar tar-regolamenti matul żewġ staġuni tal-kaċċa fil-ħarifa u sitt derogi, u wettqet diversi spezzjonijiet, *patrols* u verifiki fuq siti tal-kaċċa u insib. It-Taqsima mexxiet ukoll tmien sessjonijiet ta' taħriġ għall-uffiċjali tal-pulizija u tal-Forzi Armati ta' Malta li iffukaw fuq l-infurzar, il-kriminalità relatata mal-għasafar selvaġġi, kif ukoll implimentat sistemi elettroniċi ġodda għall-infurzar relatat mal-kaċċa u l-insib. Barra minn hekk, it-Taqsima għamlet 19-il spezzjoni f'residenzi privati fejn ġew eżaminati 5,163 eżemplar ta' għasafar ibbalzmati. Total ta' 359 eżemplar intremew mingħajr permess filwaqt li 228 għasfur ibbalzmat ma kienux reġistrati u ġew issekkwestrati. Tnax-il persuna tressqu il-Qorti fuq rimi u pussess illegali ta' tajr protett u instabu ħatja ta' ksur tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar, filwaqt li żewġ każijiet oħra għadhom qed jiġu investigati. It-Taqsima wettqet ukoll 293 spezzjoni fil-port u d-dwana fit-terminal tal-passiġġieri u fis-sezzjoni tal-kargo. Matul dawn l-ispezzjonijiet, numru sostanzjali ta' għasafar li jammontaw għal 26,101 eżemplar minn diversi speċi ġew eżaminati. Total ta' 1,017-il għasfur ħaj ġie spezzjonat li minnhom 82 ġew elevati minħabba irregolaritajiet. Matul dan il-perjodu, is-Sezzjoni Speċjalizzata tal-Infurzar assistiet ukoll entitajiet oħra tal-infurzar tal-liġi f'operazzjonijiet ta' sorveljanza waqt l-istaġun tal-insib billi wettqet 55 spezzjoni u operazzjonijiet oħra ta' osservazzjoni. Dawn l-ispezzjonijiet wasslu għal qbid ta' erbatax-il każ ta' użu ta' tisfir irrekordjat minn qabel tal-għasafar, is-sekwestru ta' 110 għasfur tal-għana u s-sejbien ta' 23 mansab illegali. Matul l-2016 u l-2017, l-uffiċjali tat-Taqsima attendew għal 34 seduta fil-Qorti (kull seduta tinkludi aktar minn smiegħ wieħed) li rriżultaw f'167 persuna misjuba ħatja ta' diversi reati kontra ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar, filwaqt li 17 ġew liberati. Matul l-istess perjodu, l-uffiċjali tat-Taqsima xehdu f'seduti li jappartjenu għal 126 każ.

5. **Riforma fil-qasam tal-kura veterinarja għall-għasafar selvaġġi midruba**: it-Taqsima ikkoordinat u spezzjonat, flimkien mad-Diviżjoni tas-Servizzi Veterinarji, numru ta' faċilitajiet

sabiex jiġi aċċertat li huma adekwati li iżommu għasafar feruti hekk kif kien mitlub fis-sejħa għal proviżjoni ta' servizzi ta' kura għall-għasafar selvaġġi. Minn dan il-proċess ta' *screening* miż-żewġ awtoritajiet, il-faċilitajiet ta' erba' persuni ġew approvati u awtorizzati sabiex ikunu jistgħu jipprovdu kenn u kura għall-għasafar feruti li minħabba l-kundizzjoni ta' saħħithom ma jkunux jistgħu jirritornaw lura fis-selvaġġ. It-Taqsima ikkoordinat ukoll sessjoni ta' taħriġ bejn uffiċjali tal-gvern, l-espert veterinarju, uffiċjali tal-ALE u BirdLife Malta dwar il-proċedura li wieħed għandu jsegwi f'każ li jinstabu għasafar feruti. Din il-proċedura ġiet ippubblikata biex il-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu isegwuha kull meta isibu xi tajr jew għasafar selvaġġi feruti. Matul l-istess perjodu, it-Taqsima ikkoordinat l-irkupru, it-trattament u r-rijabilitazzjoni ta' aktar minn 332 għasfur ferut.

6. **Appoġġ għal proġetti ta' konservazzjoni**: It-Taqsima żviluppat il-proċeduri neċessarji għall-Iskema ta' Finanzjament għall-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, u ikkoordinat l-evalwazzjoni ta' disa' proġetti li ġew proposti fl-ewwel sejħa għal proposti li għalqet fl-1 ta' Settembru 2017. Barra minn dan, it-Taqsima kompliet tikkoordina proġetti u ftehim ta' immaniġġar ma' NGOs, li jinkludi l-proġetti tal-irziezet tal-Bosk u tal-Bagħal fil-Buskett. Iż-żewġ faċilitajiet infetħu għall-pubbliku u twettqu numru ta' avvenimenti u attivitajiet pubbliċi.

7. **Studji xjentifiċi:** it-Taqsima ikkoordinat seba' studji xjentifiċi, inklużi studji dwar il-passa ta' diversi speċi ta' għasafar kif ukoll studju importanti dwar l-għasafar li jbejtu u jqattgħu ix-xitwa ġewwa l-Gżejjer Maltin. Dan ta' l-aħħar jifforma parti mir-rekwiżiti ta' rappurtar taħt Artiklu 12 tad-Direttiva tal-Għasafar. Permezz ta' dan l-istudju ser ikun qiegħed jinħareġ ukoll ktieb ġdid taħt is-sensiela *Malta Breeding Bird Atlas.* Ir-rapport u l-*Atlas* mistennija ikunu lesti fl-2019.

8. **Rapporti tekniċi u kampanji edukattivi**: it-Taqsima ikkoordinat ukoll l-abbozz u sottomissjoni ta' 13-il rapport tekniku lill-UE u lill-organizzazzjonijiet internazzjonali. Ir-rapporti kollha ġew ippubblikati ukoll fuq is-sit elettroniku tat-Taqsima. Ġew implimentati ukoll diversi inizjattivi edukattivi relatati mal-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, fosthom kampanja ta' informazzjoni dwar l-importazzjoni, pussess u ibbalzmar ta' għasafar selvaġġi, turiżmu relatat mal-kaċċa u diversi aspetti oħra. It-Taqsima ħarġet ukoll madwar 47 stqarrija għall-istampa u wieġbet iktar minn 90 avviż tal-istampa dwar kwistjonijiet relatati mal-operazzjonijiet tat-Taqsima. Fl-istess snin it-Taqsima ipproduċiet żewġ *videos* informattivi u ipparteċipat f'diversi intervisti ma' stampa internazzjonali inkluż il-BBC, Fieldsports Channel, *Neue Zürcher Zeitung* u German ARD. Biex tippromwovi informazzjoni u għarfien dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, it-Taqsima ipparteċipat ukoll fil-*Game & Country Expo* u programmi tat-televiżjoni lokali.

Matul l-istess perjodu, it-Taqsima kienet ukoll attiva ħafna **fuq livell internazzjonali**, li wasslet għal dawn il-kisbiet ewlenin:

1. Fuq l-inizjattiva tat-Taqsima, ġiet żviluppata l-hekk imsejjħa Tabella ta' Valutazzjoni (*Scoreboard*) internazzjonali biex tevalwa l-progress tal-pajjiżi biex jeliminaw il-qtil, l-insib u l-kummerċ illegali tal-għasafar selvaġġi. Dan l-istrument ġie adottat b'suċċess minn żewġ konvenzjonijiet ambjentali internazzjonali l-iktar importanti: il-Konvenzjoni ta' Berna dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u l-Konvenzjoni dwar l-Ispeċi Migratorja (CMS). **Din kienet l-ewwel darba li dokument importanti propost, innegozjat u żviluppat taħt id-direzzjoni ta' Malta ġie adottat uffiċjalment minn konvenzjonijiet internazzjonali importanti u ġie approvat minn aktar minn 130 pajjiż madwar id-dinja.**

2. Matul il-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, it-Taqsima kienet strumentali fl-iżvilupp u l-**adozzjoni fil-livell tal-UE ta' Pjan ta' Azzjoni tal-UE għan-Natura, Nies u Ekonomija**, kif ukoll il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dan il-Pjan.

3. **Għall-ewwel darba, Malta ġiet eletta minn aktar minn 30 pajjiż biex tippresiedi fuq żewġ netwerks internazzjonali ta' importanza għolja li jaħdmu fil-qasam tal-infurzar kontra il-qtil illegali tal-għasafar selvaġġi.** F'April 2016, il-Kap tat-Taqsima ġie elett unanimament bħala President tan-Netwerk tal-Konvenzjoni ta' Berna dwar l-Eradikazzjoni tal-Qtil, Teħid u Kummerċ Illegali tal-Għasafar Selvaġġi, u f'Ġunju 2017 ġie elett ukoll bħala President tat-*Task Force* Intergovernattiva taħt il-Konvenzjoni dwar l-Ispeċi Migratorja dwar il-Qtil Illegali tal-Għasafar Selvaġġi fir-reġjun tal-Mediterran. Permezz tat-tmexxija ta' dawn iż-żewġ netwerks importanti, l-ewwel laqgħa konġunta taż-żewġ netwerks seħħ b'suċċess f'Malta f'Ġunju 2017. Din il-laqgħa ġabret aktar minn 80 parteċipant minn aktar minn 30 pajjiż, li irriżulta f'diversi ftehim importanti fuq livell internazzjonali.

4. Permezz tal-parteċipazzjoni attiva tar-rappreżentanti tat-Taqsima f'aktar minn 30 laqgħa internazzjonali, li jvarjaw minn konferenzi ta' konvenzjonijiet internazzjonali ewlenin, għal laqgħat ta' gruppi ta' esperti tekniċi speċjalizzati, kif ukoll grazzi għal kontribut attiv ta' aktar minn 20 dokument politiku tal-UE u internazzjonali u pjanijiet ta' azzjoni u dokumenti internazzjonali oħrajn, **Malta ġiet rikonoxxuta fuq livell internazzjonali bħala eżempju tajjeb fil-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi u l-infurzar kontra l-qtil illegali tal-għasafar.**